MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 228/2013

**A & J Baldacchino Boatyard Ltd**
**C 17586**
**Vs**
**Mangion Christian**
**ID 249976M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' April, 2011 fejn l-ammont ta' elfejn erba' mija u tlettax-il ewro u erbghin centezmu tal-ewro (€2,413.45) mitlub mis-socjeta' attrici jirrapprezentaw ammont dovut lilha mill-konvenut ghal servizzi ta' *boat lifting'*, kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma, arretrati ta' kera tal-ispazju ossia *'storage'* tad-dghajsa *SIY 'Anchor Song'* ghall-perjodu mis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 2012 sas-sbatax ta' Jannar, 2013 u ammont dovut ghall-'*bottom high pressure wash'* u kif ukoll ghal servizzi ohra rezi, liema ammont huwa dovut jinkludi l-VAT u huma a bazi ta' *'invoice'* annessa u mmarkata bhala Dok A.

Il-konvenut debitament interpellat permezz ta' ittra legali datata s-6 ta' Settembru, 2012 (Dok B1) u ittra ufficjali 166A tas-26 ta' Frar, 2013 baqa' inadempjanti.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 166A bin-numru 468/13 u kif ukoll tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 4651/2013 u bl-imghax relattiv mid-data tas-servizzi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-20 ta' Novembru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elfejn erba' mija u tlettax-il ewro u erbghin centezmu tal-ewro (€2,413.45) bl-imghax relattiv mid-data tas-servizzi sad-data tal-hlas effettiv.
L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 166A bin-numru 468/13 u kif ukoll tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 4651/2013, ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------